**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 587/97

Nazareno Formosa

vs

Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet

Illum 8 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Mejju tal-1988, ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promotion.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu li r-rikorrent kien applika ghall-promozzjoni ta' Technical Officer I u dan wara li kienet harget OPM Circular 59/88 datata 20 ta' Mejju 1988.
Illi r-rikorrent kellu l-esperjenza u kwalifiki mehtiega kollha biex jokkupa dan il-grad tant li huwa kien responsabbli minn diversi progetti fosthom il-progett tal-Marsa/Qormi Flood Relief u anke l-progett tal-Mriehel Bypass;

Illi ghal din il-kariga gew promossi nies ohra li ghandhom kwalifiki u esperjenza hafna anqas minn tar-rikorrent.

Illi minhabba f'dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni ghall-Technical Officer I jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal .

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa li r-rikorrent gie impjegat bhala App. Building Tradesman mad-

Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-23 ta' Gunju 1976. Hu lahaq il-grad ta' B/T II fit-18 ta' Novembru 1979. Fl-1 ta' Dicembru 1981 hu lahaq il-grad ta' Assistant Works Technical Officer, u fl-1 ta' Mejju 1987 lahaq bhala Works Technical Officer.

Permezz tar-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Technical Officer fi Skala 12.

Fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Technical Officer I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Works Technical Officer u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Hu nghata n-numru 41 bhala n-numru ta' riferenza. Sussegwentement, gab 43 marka fil-kategorija ta' T.O.I bir-rizultat li ma ssodisfax il-kriterji pristabbiliti mill-Bord.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu. Hu pprezenta wkoll affidavit fejn semma li dahal mal-Gvern fl-1976 u fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Fit-2 ta' Novembru 1979 sar bennej u wara fl-1 ta' Dicembru 1981 sar Assistant WTO u fil-15 ta' April 1987 gie promoss ghal Works Technical Officer. Semma li wara l-ewwel gie indagat minn certu George Debattista, u wara gie trasferit ghas-sezzjoni tad-drenagg fil-Gzira Pumping Station u wara ghal Pumping Station tad-drenagg fil-Belt Valletta. Wara gie trasferit ghal Belt is-Sebh ghal ghaxart ijiem u wara l-Hamrun u wara spicca r-Reservation of Underground Cisterns and Calverts.

Fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget is-sejha ghal grad ta' TOI u lilu tawh 43 marka minn 100 marka. Il-promozzjoni ma kienx hadha minkejja l-esperjenza li kellu u minkejja kors li kien ghamel l-Universita` ta' Malta fuq Quantity Survey. Sostna li kien jaghmel xogholijiet ta' assistant head u xogholijiet ohra ghalkemm ma kellux il-grad. Zied li kien hemm individwi b' inqas esperjenza minnu pero` b' kulur politiku differenti minn tieghu u nghataw din il-promozzjoni u semma lil Frankie Fenech, Joseph Dougal u Freddie Portelli.

Il-Perit Lino Zammit Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq semma li jaf lir-rikorrent ghax kien jahdem ghal tliet snin fis-sezzjoni tieghu. Ir-rikorrent kien involut f' diversi progetti u kien anke Acting Regional Manager. Dan ifisser li huwa kellu responsabbilta` ta' regjun partikolari li jkollu l-Head of Region li jaghti l-istruzzjonijiet huwa. Kien ikollu n-nies tahtu li jqassmilhom ix-xoghol hu. Kien maghzul

biex ikun bhala Acting Regional Manager peress li kellu certi kapacitajiet li kien kapaci jaghmel dan ix-xoghol. Fil-fehma tieghu r-rikorrent dejjem qeda dmiru sew, kien kapaci jevolvi dan it-tip ta' xoghol. Sostna li x-xoghol ta' Regional Manager irid isir minn xi hadd li jkun fil-grad ta' TOI jew grad ghola minn dak ta' TOI, u mhux kif kien ghadu r-rikorrent fil-grad ta' Technical Officer.

Joseph P. Farrugia xehed li jaf lir-rikorrent dawn l-ahhar ghaxar snin u kien jahdem mieghu. Hu kien wiehed mill-kapijiet tas-sezzjonijiet li jaqghu tahtu. Semma li kellhom diversi progetti fit-toroq, widien u xoghol ta' tabelli. Semma li r-rikorrent kien gieli jkollu mija u ghoxrin ruh tahtu. Ir-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' Regional Manager li bhala responsabbilta` hija oghla minn dik ta' Technical Officer. Xehed li "Mistoqsi fir-rigward tat-trade & departemental knowledge u leadership personality nghid li jien nara lir-rikorrent sodisfacenti f'dawn il-kriterji."

Paul Scicluna esebixxa dokument li juri li r-rikorrent kif ukoll lil Joseph Dougall, Frankie Fenech u Alfred Portelli d-data tad-dhul taghhom mad-Dipartiment kif ukoll il-marki li ottjenew ghal diversi kriterji li huma elenkati f'dan id-dokument, kwalifiki, esperjenza, gharfien u personalita`, u dan in konnessjoni mas-sejha in kwistjoni. Esebixxa wkoll dokument iehor bhala skeda ta' kif ir-rikorrent u dawn it-tliet persuni nghataw promozzjonijiet matul is-snin.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ghandu tliet aspetti u cioe`:

- li r-rikorrent inghata diversi transfers ingustament;
- li r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni ta' Technical Officer I; u
- li r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghall-livell tieghu.

Dwar il-fatt li ***r-rikorrent inghata diversi transfers*** dan jidher car mill-fatt li gie trasferit ghas-sezzjoni tad-drenagg fil-Gzira Pumping Station, wara ghal Pumping Station tad-drenagg fil-Belt Valletta, wara gie trasferit ghal Belt is-Sebh ghal ghaxart ijiem, wara l-Hamrun u wara spicca r-Reservation of Underground Cisterns and Calverts. Dan certament huwa ammont tremend ta' transfers u li ma nghatat ebda raguni valida ghalihom. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-

servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ghalhekk it-Tribunal isib li l-ilment tar-rikorrent dwar transfers huwa gustifikat u jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwaru.

Dwar il-kwistjoni tal-***promozzjoni*** jew nuqqas taghha jinghad li certament irrizulta li r-rikorrent kien bniedem kapaci u kien ta' livell ta' TO I izda fil-kwistjoni ta' promozzjonijiet wiehed irid jezamina wkoll jekk rikorrent ikunx haqqu promozzjoni aktar minn dawk li fil-fatt hadu tali promozzjoni. Ir-rikorrent irreferixxa ghal Dougall, Fenech u Portelli. Mill-iskeda prezentata a fol 133 jirrizulta li Dougall dahal fl-1957, Portelli fl-1966, Fenech fl-1969 waqt li hu fl-1976. Bhala kwalifiki Dougall kellu 3, Portelli kellu 2 waqt li r-rikorrent u Fenech 0. Il-marki allokati ghal esperjenza moghtija mill-bord ma jidhirx li huwa zbaljat ghax infatti huwa korrelat man-numru ta' snin li kienu ilhom li dahlu u fil-fatt ir-rikorrent ma nghatax xi marka baxxa ghax inghata 25 waqt li Dougall u Portelli 30 u Fenech 36. Naturalment it-Tribunal kellu l-possibbilta` li jezamina l-personalita` tar-rikorrent izda minghajr ma gew prodotti t-tlieta l-ohra ma jistax jasal x' marka kellha tigi allokata ghall-personlita` tat-tlieta l-ohra.

Irrizulta wkoll li r-rikorrent gie maqbuz mill-imsemmija tlieta fl-1989 ghax filwaqt li dawn saru TO I hu ma sarx meta huwa kien TO u l-

ohrajn kienu Group D. Izda wiehed irid jara wkoll il-linja ta' promozzjonijiet li hadu kollha kemm huma ghax fil-fatt bhala Group D Dougall sar fl-1963, Portelli u Fenech fl-1974 u r-rikorrent fl-1979. Dan ifisser li hu veru li huma qabzuh fl-1987 / 89 izda hu kien qabizhom precedentement. Dan it-Tribunal fih innifsu ma jistax jikklassifikah bhala ingustizzja. Dwar il-promozzjoni it-Tribunal ma jhossx li ghandu provi sufficjenti li saret ingustizzja u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar it-tielet aspett tal-ilment u cioe` li ***r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghall-livell tieghu*** dan irrizulta ppruvat mid-diversi xhieda fuq imsemmija. Issa t-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Vella Mario vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fil-11 ta' Frar, 2000 afferma li impjegat li ghal zmien twil [f'dak il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Dan mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000. Ghalhekk fil-kaz odjern dan jintitola lir-rikorrent li ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu ghal kumpens. Ghalhekk f'dan ir-rigward jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk it-Tribunal isib gustifikati l-aspett li r-rikorrent inghata diversi transfers ingustament, u li r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghall-livell tieghu, u peress li f'dan il-kaz it-Tribunal ma

jistax jordna rimedju kumpensattiv, it-Tribunal jirrikmanda hlas ta' kumpens ta' tlett telef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.